MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2014

Numru. 705/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Darren Buhagiar)**

**vs**

**Joseph Mifsud**

**Kumpilazzjoni Nru: 705/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Mifsud, ta’ 59 sena, iben Alfred u Theresa nee’ Micallef, imwieled Zebbug Malta fl-20 ta’ Gunju, 1955, residenti fil-fond numru 5, Barumbara, Tal-Gholja, Limiti tas-Siggiewi u detentur tal-karta ta’ l-identita’ Maltija numru 449355(M).

Akkuzat talli:

Fis-17 ta’ Lulju 2014 u fix-xhur ta’ qabel f’Haz-Zebbug, Malta u bnadi ohra f’dawn il-gzejjer, impjega jew ta xoghol lil persuni li ma kienux persuni ezenti u li ma kellhomx licenza moghtija lilhom ghal dak l-impjieg jew xoghol skond id-disposizzjonijiet tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Kif ukoll talli taht l-istess cirkostanzi, bhala persuna responsabbli li kien qed isir gewwa fond f’Haz-Zebbug u nhawi ohra f’Malta, impjega persuni li ma kienux cittadini ta’ Malta meta dawn il-persuni ma kellhomx permess validu u ufficjali.

U aktar talli fl-istess cirkostanzi bhala principal jew persuna li jimpjega persuni ohra, full time, part time, jew xort’ohra b’kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqas li jinnotifika lill–Korporazzjoni tax-xoghol u tahrig b’dan l-impjieg kif hemm stabbilit fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 (3 sa 10).

Il-Onorabbli Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tapplika d-disposizzjonijiet tar-regolament numru 5 tar-Regolamenti dwar Standards Minimi ghal sanzjonijiet u mizuri kontra min ihaddem lil cittadini minn pajjizi terzi b’residenza illegali, Avviz Legali 432 tal-2011 (Ligi Sussidarjarja 217.14 tal-Ligijiet ta’ Malta) sabiex jinghata dak il-haqq skond il-provvedimenti ta’ dan l-istess regolament.

Rat l-artikoli 32(1)(b) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 3 u 4 ta' l-Avviz Legali 432 tas-sena 2011, u r-Regolamenti 3 sa 9 ta'l-Avviz Legali 110 tas-sena 1993.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellhux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri kif ukoll il-fatt li l-imputat issa ottempera ruhu mal-Ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 32(1)(b) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 3 u 4 ta' l-Avviz Legali 432 tas-sena 2011, u r-

Regolamenti 3 sa 9 ta'l-Avviz Legali 110 tas-sena 1993, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta' sitt mitt Euro (€600). Peress li l-imputat ma jiggestiex in-negozju tieghu permezz ta' socjeta kummercjali imma bhala persuna fizika t-talba tal-prosekuzzjoni biex il-Qorti tapplika r-Regolament 5 ta'l-Avviz Legali 432 tas-sena 2011 qed tigi michuda.

**DR. DOREEN CLARKE**

**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------